# Il-Forti Sant'Anġlu miftuħ bi prezz imraħħas nhar il-Vitorja

Heritage Malta

**Stqarrija | 23 ta' Awwissu 2022**

Fit-8 ta' Settembru, nhar il-Vitorja, Heritage Malta se tiftaħ il-bibien tal-Forti maestuż ta' Sant'Anġlu bil-prezz imraħħas ta' €3. Il-pubbliku se jkollu wkoll aċċess għan-naħa ta' fuq tal-forti, li hija amministrata mill-Ordni Militari Sovran ta' Malta.

Jum il-Vitorja jfakkar żewġ ġrajjiet ewlenin fl-istorja ta' Malta – it-tmiem glorjuż tal-Assedju l-Kbir fit-8 ta' Settembru 1565, meta l-qawwiet Ottomani qatgħu qalbhom wara tliet xhur ta' battalji bla heda biex jippruvaw jaħkmu l-Gżejjer Maltin, kif ukoll id-data fl-1943 meta sar magħruf li l-Italja Faxxista kienet ċediet u b'hekk tat nifs lil Malta fit-Tieni Gwerra Dinjija. B'koinċidenza, f'dan il-jum hu ċċelebrat ukoll it-twelid tal-Verġni Marija.

Biex tfakkar dawn l-avvenimenti, Heritage Malta ħejjiet programm ta' attivitajiet li se jsiru fil-Forti Sant'Anġlu. Se jkun hemm żewġ quddisiet – waħda fl-10:00 fil-Kappella tat-Twelid tal-Madonna u oħra f'nofsinhar fil-Kappella ta' Sant'Anna. Wara l-ewwel quddiesa, fil-11:00, se ssir kommemorazzjoni ħdejn il-mafkar tar-Rebħa tal-Assedju l-Kbir, bis-sehem tal-Kumitat Festi Nazzjonali. Din tkun segwita b'dimostrazzjoni mis-Sea Cadets fin-naħa ta' fuq tal-forti.

Waranofsinhar se jsiru diversi wirjiet u re-enactments storiċi li għandhom jinżlu għasel mal-viżitaturi. Il-wirjiet se jsiru mill-membri ta' Show of Arms, Compagnia San Michele, Historical Re-enactment Group of Malta, Malta Historical Fencing Association, Battlefront Living History Group, Malta Command, u Battlefields Living History Re-enactment Troops.

Il-Forti Sant'Anġlu jkun miftuħ mid-9:00 sas-18:00, bl-aħħar dħul fil-17:30. Il-pubbliku se jkun jista' jgawdi wkoll veduta mill-aqwa tat-tiġrijiet tar-Regatta, flimkien ma' bar li jservi xarbiet u ikel ħafif.

Il-biljetti jinxtraw biss mill-bieb. Tfal sal-età ta' 11-il sena kif ukoll membri ta' Heritage Malta jidħlu b'xejn. Il-membri jintalbu juru l-card tas-sħubija.

Aktar tagħrif jinsab fit-taqsima What's On tas-sit elettroniku ta' Heritage Malta www.heritagemalta.org u fil-paġni tal-media soċjali tal-aġenzija.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta